MINUTI
KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA
KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ

IT-TIENI LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU ĦAMSA

27 ta' Ottubru, 2014

Il-Membri kif tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato u Marylyn Sammut.

UFFIĊJAL PREŻENTI

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

MINUTI

5.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti

5.1.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia informa lill-Kumitat Amministrattiv li l-istima ta' l-alterazzjoni meħtieġa fi Triq Dun Nard Mallia k/m Triq Dun Gejt Muscat hi stmata li ser tiswa €21,162.36. Il-Kumitat Amministrattiv qabel li ma jistax jonfoq tali fondi għall-żball li sar mill-Kuntrattur waqt li saret Triq Dun Nard Mallia. Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tikteb f'dan is-sens lill-Kuntrattur u lill-Perit li ħadem fuq l-imsemmija triq u tinforma li x-xogħol li sar għadu taħt il-garanzija u għalhekk l-esiġenzi jeħtieġu li l-inkonvenjent ikun irranġat. It-triq ġiet imħallsa f'Awwissu 2012.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ħa xi ritratti li jindikaw l-ilma li qed joqgħod fl-akwati fejn jidher ċar li m'hemmx il-bżonn li jsir tul ta' 60metru tqaxxir tat-triq biex l-inkonvenjent jissewwa.

Il-Kumitat Amministrattiv hu fil-ħsieb li jgħati wiċċ ġdid lil Triq it-Torri l-parti bejn Triq Fra Gan Marie Zammit u Vjal l-Indipendenza. Liema stima tlaħħaq €31,255.50.

5.1.2 B'referenza għall-punt numru 4.3, iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li saru żewġ laqgħat separati ma' rappreżentanza ta' Transport Malta. Fir-rigward tal-ilmenti li kienu qed jidħlu fuq nuqqas ta' parkeġġ, linji sofor fi Vjal l-Indipendenza (fil-parti ta' bejn Triq Dun Gejt Muscat u Triq Fortunato Dalli), TM taw risposta billi ssuġġerew li jitneħħew il-linji sofor kollha li hemm fil-parti imsemmija (minbarra l-keep clear ta' quddiem St Agatha Complex) u jiġu mmarkati biss parking bays bojod fejn hemm l-ispazju.
Kien hemm qbil li sakemm ma jkunx hemm aktar ilmenti minn residenti, l-linji li hemm u li ilhom eżistenti s-snin jibqgħu kif inhuma.

B'referenza għall-ilment l-ieħor fuq marki ta' sinjali tat-toroq fl-akwata ta' Triq il-Qiegħa, l-Kumitat Amministrattiv għadu ma rċeviex risposta.

5.1.3 Ġew approvati l-minuti tar-raba' seduta ta' din il-leġislatura.

## 5.2 Ilmenti

5.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba ta' bozza ġdida ma' residenza fi Sqaq Sant' Antnin. Il-Kumitat Amministrattiv ma' sabx oġġezzjoni għal-din it-talba u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv ser tibda l-proċeduri meħtieġa.

5.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba għall-yellow lines fi Triq Sant Andrija, ma naħa waħda tat-triq. Kien hemm qbil li dan il-każ jitressaq fis-seduta tal-Kunsill Lokali, minħabba li l-akwata taqa' taħt iż-Żurrieq.

## 5.3 Bring in Site fi Triq Kalanġ Buġeja

5.3.1 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri infurmat li waqt laqgħa li saret bejn ir-resident tal-akwata ta' Triq Kalanġ Bugeja, rappreżentant tal-Kumpanija Green Pak u s-Segretarju Eżekuttiv, deher biċ-ċar li r-residenti ma jridux li s-sit jibqa fi Triq Kalanġ Bugeja.
Il-Kumitat Amministrattiv qabel li dan is-sit jitneħħa u c-CCTV amera li kienet ser titwaħħal fil-post biex tissorvelja lil dawk li ma

użawx is-sit tajjeb, għandha titwaħħal viċin is-sit li hemm fejn iċ-ċimiterju.

## 5.4 Statwa ta' Santa Marija fil-Misraħ

5.4.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni li l-istima ta' restawr tal-istatwa ta' Santa Marija fil-Misraħ ta' Bubaqra, hi stmata €840 ink. VAT. Kien hemm qbil unanimu li dan ix-xogħol għandu jiġi ordnat.

## 5.5 Triq Dun Nard Mallia

5.5.1 Dan l-item ġie diskuss f'punt numru 5.1.

## 5.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni : Xogħlijiet u Servizzi.

5.6.1 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri ressqet talba ta' bin fi Triq Santa Marija. Ma kienx hemm qbil fuq dan minħabba li ħafna min-nies ma jafux jużaw tajjeb tali reċipjenti.

5.6.2 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri qalet li fejn iz-zuntier tal-kappella ta' Santa Marija hemm tabella t'informazzjoni li tinsab maqlugħa. Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv jiġbed l-attenzjoni tal-MTA.

5.6.3 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri qalet li r-residenti tal-akwata ta' Triq il-Qiegħa avviċinawha u talbuha biex l-art li hemm fl-akwata tiġi rranġata biex issir parkeġġ. Hi personalment staqiet lil sid l-art jekk jagħtix permess lill-Kumitat Amministrattiv biex dan isir u ġiet infurmata li jekk il-Kumitat Amministrattiv jaqbel mal-ideja, jkn obbligat li jitlob devoluzzjoni tagħha. Kien hemm qbil li ġaladarba din l-art hi privata, l-Kumitat Amministrattiv ma jidħolx fiha.

Kien hemm qbil ukoll li jintbagħat ilment lis-sanita, biex jitpoġġa valenu għall-ġrieden miħabba li fl-akwata qed jidhru ta' sikwiet.

5.6.4 Il-membru Joseph D'Amato informa li t-tindif ta' sqaq fi Triq it-Torri li kellu jsir xhur ilu ma sarx. Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv ssib kuntrattur ieħor biex jagħmel tali xogħol fl-immedjat.

## 5.7 Appuntament għas-Seduta li jmiss

Id-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tnejn 24 ta' Novembru, 2014 fil-5.30pm.

Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-6.45 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum __ ta' Novembru, 2014

| | |
|---|---|
| Pierre Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |